# QORTI KOSTITUZZJONALI

**IMĦALLFIN**

**S.T.O. PRIM IMĦALLEF MARK CHETCUTI**
**ONOR. IMĦALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO**
**ONOR. IMĦALLEF ANTHONY ELLUL**

**Seduta ta' nhar l-Erbgħa 17 ta' Marzu, 2021.**

**Numru 9**
**Rikors kostituzzjonali numru 151/2019/1 GM**

**Patrick Spiteri**

***v.***

**Avukat Ġenerali, illum Avukat tal-Istat, u**
**Sylvana Spiteri**

1. Dan huwa appell tal-attur minn sentenza mogħtija fl-24 ta' Novembru 2020 mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fil-kompetenza kostituzzjonali li ċaħdet talba tiegħu għal dikjarazzjoni li nkiser il-jedd tiegħu għal smigħ xieraq, imħares taħt l-art. 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-art. 6 tal-Konvenzjoni Ewropea għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali, meta kawża għal ritrattazzjoni ta' sentenza quddiem il-Qorti tal-Appell instemgħet minn dik il-qorti meta

żewġ membri tagħha kienu wkoll membri tal-istess qorti li kienet tat is-sentenza attakkata. Il-fatti relevanti huma dawn:

2. L-attur u l-konvenuta Sylvana Spiteri kienu żżewġu fit-3 ta' Diċembru 1997. Fis-16 ta' Frar 2009 l-attur fetaħ kawża[1] għal dikjarazzjoni ta' nullità taż-żwieġ għar-raġuni, fost oħrajn, illi meta ġie ċelebrat iż-żwieġ il-konvenuta Spiteri kienet miżżewġa lil ħaddieħor. Il-konvenuta wieġbet illi ż-żwieġ preċedenti tagħha kien maħlul b'dikriet ta' divorzju *nunc pro tunc*, mogħti minn qorti fil-California, li, għalkemm ingħata fid-19 ta' Diċembru 2002, kien b'seħħ mill-1 ta' Jannar 1992, *i.e.* qabel iż-żwieġ tagħha mal-attur.

3. Il-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) b'sentenza tat-30 ta' Marzu 2011 laqgħet it-talba biex jinħall iż-żwieġ għax kienet tal-fehma illi "fil-mument tal-kuntrattazzjoni taż-żwieġ bejn iż-żewġ partijiet, il-konvenuta kienet għadha marbuta bi żwieġ ieħor, u għalhekk kienet inkapaċi li tikkuntratta żwieġ validu mal-attur".

4. Il-konvenuta Spiteri appellat u l-Qorti tal-Appell, b'sentenza tal-25 ta' Novembru 2011, laqgħet l-appell, ħassret is-sentenza tal-ewwel qorti għax qieset illi "darba … hu ammess li skont il-liġi fejn il-konvenuta u [l-ewwel raġel tagħha] iżżewġu, dak iż-żwieġ gie xolt b'effett mill-1 ta' Jannar 1992, din il-qorti trid tirrikonoxxi dik il-posizzjoni", u bagħtet l-atti lura lill-ewwel qorti sabiex jitkompla s-smigħ fuq il-kawżali l-oħra ta' nullità taż-żwieġ.

[1] Rikors maħluf numru 55/2009.

5. L-attur imbagħad fil-15 ta' Frar 2012 fetaħ proċeduri ta' ritrattazzjoni taħt l-art. 811 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili u talab illi l-Qorti tal-Appell tħassar is-sentenza tagħha tal-25 ta' Novembru 2011 u tisma' l-appell mill-ġdid. Il-konvenuta ressqet eċċezzjoni illi r-rimedju ta' ritrattazzjoni "mhux permissibbli peress li l-kawża għadha pendenti quddiem l-ewwel qorti".

6. Billi tnejn mill-imħallfin membri tal-Qorti tal-Appell li quddiemha kellha tinstema' t-talba għal ritrattazzjoni kienu wkoll membri tal-qorti li kienet tat is-sentenza attakkata, l-attur ressaq eċċezzjoni ta' rikuża. Dik l-eċċezzjoni ġiet miċħuda bi provvediment mogħti fit-30 ta' Novembru 2012 għar-raġuni illi:

> »… … … għal fini ta' stħarriġ u deċiżjoni ta' din l-eċċezzjoni preliminari [*viz.* illi r-rimedju ta' ritrattazzjoni "mhux permissibbli"] ma sar ebda pronunzjament f'din il-kawża minn din il-qorti … … … Huwa ovvju, fil-fehma tal-qorti, illi l-meritu tas-sentenza mogħtija fil-25 ta' Novembru 2011 huwa għal kollox differenti minn dak tal-eċċezzjoni preliminari, b'mod illi ma jistax jingħad illi l-imħallfin li qatgħu s-sentenza tal-25 ta' Novembru 2011 urew il-fehma tagħhom "dwar il-kawża jew dwar kull ħaġa oħra li għandha x'taqsam mal-kawża jew tiddependi minnha", kif jgħid u jrid l-artikolu 734(1)(*d*) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili biex imħallef jista' jiġi rikużat."«

7. Imbagħad b'sentenza tal-31 ta' Mejju 2013 il-Qorti tal-Appell ċaħdet it-talba għat-tħassir tas-sentenza tagħha tal-25 ta' Novembru 2011 u għas-smigħ mill-ġdid tal-appell għar-raġuni illi:

> »Is-sentenza issa impunjata ma wasslitx għat-tmiem tal-kontroversja bejn iż-żewġ partijiet, u l-kawża għadha pendenti quddiem qorti tal-ewwel istanza. Ir-ritrattazzjoni tista' tintalab biss fil-każ ta' kawża deċiża fil-meritu b'sentenza ta' din il-qorti li tkun għaddiet in ġudikat … … … F'dan il-każ, il-kwistjoni bejn il-partijiet li tolqot il-validità taż-żwieġ tagħhom għadha pendenti u għadha qed tigi mistħarrġa mill-qorti kompetenti.«

u ordnat li l-atti jerġgħu jintbagħtu quddiem il-qorti tal-ewwel grad sabiex jitkompla s-smigħ fuq il-kawżali l-oħra ta’ nullità taż-żwieġ.

8. Ġara iżda li fit-23 ta’ Marzu 2017 il-kawża ta’ nullità taż-żwieġ li sa dakinhar kienet pendenti quddiem il-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) ġiet kanċellata minħabba deżerzjoni.

9. L-attur imbagħad fetaħ din il-kawża tallum u talab illi l-qorti:

»1. tiddikjara illi bil-fatt li l-proċedura ta’ ritrattazzjoni numru 55/09 flismijiet <u>Dr Patrick Spiteri *v.* Sylvana Spiteri</u> nstemgħu mill-Qorti tal-Appell li fil-komposizzjoni tagħha kienet tinkludi tnejn mit-tliet imħallfin li bis-sentenza preċitata tal-25 ta’ Novembru 2011 kienu ddeċidew il-kawża li tagħha kienet qed tintalab ir-ritrattazzjoni, jikkostitwixxi ksur u vjolazzjoni tad-dritt tar-rikorrent għal smigħ xieraq kif sanċit mill-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta’ Malta u l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem;

»2. konsegwentament tħassar u tirrexxindi s-sentenza tal-Qorti tal-Appell tat-30 ta’ Novembru 2012 u tal-31 ta’ Mejju 2013 fil-kawża numru 55/09 flismijiet <u>Dr Patrick Spiteri *v.* Sylvana Spiteri</u> u tibgħat l-atti lir-reġistratur biex jiġu assenjati lill-Qorti tal-Appell diversament komposta;

»3. tagħti kull rimedju ieħor li din l-onorabbli qorti jidhrilha xieraq u opportun sabiex tispurga l-vjolazzjoni msemmija, inkluż billi tillikwida kumpens favur ir-rikorrenti.«

10. Il-konvenuta Spiteri wieġbet illi, issa li l-kawża għal dikjarazzjoni ta’ nullità taż-żwieġ ġiet kanċellata:

»Dan il-fatt għandu jwassal għal tliet (3) konsiderazzjonijiet:

»a) illi t-tieni talba bl-implikazzjonijiet tagħha tal-proċediment fis-smigħ tal-imsemmija kawża ma hiex intelleġibbli billi ebda kawża kanċellata u deżerta skont il-liġi ma għandha tingħata ħajja mill-ġdid, partikolarment jekk id-deżerzjoni tkun ġejja mill-abbandunament tal-proċeduri mill-istess rikorrent;

»b) illi l-meritu tal-kawża għadu sa issa mhux definittivament deċiż u jista’ għalhekk jiġi propost mill-ġdid mir-rikorrent;

»ċ) l-istat ma għandux għalfejn jipprovdi rimedji kostituzzjonali liċ-ċittadin illi jkun volontarjament abbandun r-rimedji ordinarji disponibbli għalih jew jiddeklina jeżerċitah[om].«

11. Waqt is-seduta quddiemha tat-3 ta’ Diċembru 2019 l-ewwel qorti tat dikriet li jgħid hekk:

> »Rikors differit għat-28 ta’ Jannar 2020 għat-trattazzjoni dwar il-punti mqajma fir-risposta ta’ Sylvana Spiteri.«

12. Imbagħad bis-sentenza tal-24 ta’ Novembru 2020 li minnha sar dan l-appell, l-ewwel qorti, wara li qieset l-eċċezzjoni tal-konvenuta Spiteri dwar l-effett tal-kanċellamet tal-kawża, ċaħdet it-talbiet tal-attur għal raġunijiet li fissrithom hekk:

> »Illi l-qorti sejra titratta l-punt jekk it-talbiet għat-tħassir tas-sentenza jew provvediment tar-rikuża u għat-tħassir tas-sentenza tar-ritratt-azzjoni jistgħux isiru, tenut kont li l-kawża ġiet deżerta, billi f’każ ta’ eżitu negattiv ma jkunx il-każ li jiġu ttrattati l-eċċezzjonijiet l-oħrajn tal-intimati.
>
> »… … …
>
> »… … … l-iskop ewlieni ta’ dan l-istitut [*viz.* ta’ ritrattazzjoni] huwa dak li l-kawżi ma jitwalux bla bżonn għal żmien intollerabilment twil. Bżonn li nħass kemm mil-leġislaturi antiki kif ukoll dawk tallum. Hu preżunt mis-silenzju u t-traskuraġni tal-partijiet li jkunu abbandunaw il-kawża. Din il-preżunzjoni sempliċi tiġi, *utilitatis causa*, ikkonvertita mil-leġis-latur fi preżunzjoni assoluta, *iuris et de iure*, li permezz tagħha d-dritt li titkompla l-kawża jiġi maqtul.
>
> »F’ċertu sens, il-perenzjoni tixbaħ lill-preskrizzjoni. Fid-dritt sostantiv, il-preskrizzjoni toqtol l-azzjoni; fid-dritt proċesswali, il-perenzjoni toqtol l-istanza ġudizzjali – għalkemm ma toqtolx ukoll l-azzjoni, u għalhekk il-kawża tkun tista’ terġa’ tiġi miftuħa mill-ġdid.
>
> »It-talba ewlenija tar-rikorrent hija mmirata għat-tħassir tas-sentenza li ċaħdet it-talba għar-ritrattazzjoni. Fl-ipotesi li din il-qorti tilqa’ din it-talba, il-Qorti tal-Appell kif komposta mill-ġdid b’imħallfin differenti tiddeċiedi jekk hemmx lok li titħassar is-sentenza tagħha tal-25 ta’ Novembru 2011 (*in rescindente*) u, fil-każ affermattiv, tipproċedi biex tisma’ dik il-kawża mill-ġdid (*in rescissorio*). B’danakollu, dik l-istess kawża ġiet abbandunata mir-rikorrent. Għalhekk ma tistax terġa’ titqiegħed fuq il-lista tal-kawżi biex tinstama’ mill-ġdid għaliex ir-rikorrent stess irrinunzja definittivament għaliha. Dan ikopri wkoll is-sentenza *in parte* li ngħatat fil-mertu, għaliex din hija wkoll parti mill-kawża. Altrimenti l-effett ikun li kawża “kostituzzjonali” tintuża’ mhux biex jiġi rettifikat ksur ta’ x jedd fundamentali, imma biex jiġi miksur dritt fundamentali ieħor – dak li kawża tinqata’ fi żmien raġonevoli – billi tiġi mminata u miġjuba fix-xejn is-sistema proċedurali ordinarja intiża biex il-kawżi ma jitwalux b’mod kważi infinit.
>
> »Għal dawn il-motivi l-qorti qiegħdha tiċħad it-talbiet tar-rikorrent, bl-ispejjeż a kariku tiegħu.«

13. L-attur appella b'rikors tal-11 ta' Diċembru 2020 li għalih wieġeb l-Avukat tal-Istat fit-18 ta' Diċembru 2020.

14. L-attur appella kemm mis-sentenza tal-24 ta' Novembru 2020 u kemm mid-dikriet mogħti waqt is-seduta tat-3 ta' Diċembru 2019 li bih l-ewwel qorti ordnat illi jitqiesu qabel xejn l-osservazzjonijiet tal-konvenuta Spiteri dwar l-effett tal-kanċellament tal-kawża.

15. L-aggravju tal-attur dwar id-dikriet tat-3 ta' Diċembru 2019 hu illi "l-ewwel qorti ma setgħetx tgħaddi biex tikkunsidra dawk l-eċċezzjonijiet ta' Sylvana Spiteri qabel ma l-ewwel tikkunsidra l-ewwel talba tal--esponenti, u *cioè* t-talba dikjaratorja dwar jekk kienx seħħ ksur tad-dritt fundamentali ta' smigh xieraq *o meno*".

16. Bla ma tidħol, għalissa, fil-kwistjoni jekk id-deċiżjoni tal-ewwel qorti dwar l-effett tad-deżerzjoni kinitx tajba jew le, il-qorti tosserva illi, effettivament, il-konklużjoni tal-ewwel qorti kienet illi deċiżjoni favur l-attur ma kienet tiswielu xejn ladarba, ukoll jekk jintlaqgħu t-talbiet tiegħu fil-proċeduri ta' ritrattazzjoni, xorta ma setgħux jintlaqgħu t-talbiet fil-meritu, *i.e.* dwar il-validità taż-żwieġ, jekk il-kawża kienet kanċellata.

17. Ladarba l-utilità ta' deċiżjoni għal min jitlobha hija meħtieġa biex jintwera interess fit-talba, l-ewwel qorti għamlet sew li, qabel qieset il-meritu tal-ilment, qieset jekk dan setax iwassal għal riżultat utli għall-attur. La sabet illi ma kien sejjer ikun ta' ebda utilità, kien ikun għalxejn illi tqis il-meritu tal-ilment. Din id-deċiżjoni tal-ewwel qorti kienet għalhekk proċeduralment korretta.

18. L-aggravju dwar id-dikriet tat-3 ta’ Diċembru 2019 huwa għalhekk miċħud.

19. Ngħaddu issa għall-aggravji li jolqtu s-sentenza appellata.

20. L-ewwel aggravju jgħid hekk:

> »… … … bis-sentenza appellata [l-ewwel qorti] ddeċidiet it-talbiet kollha tal-esponent filwaqt li fuq uħud minn dawk it-talbiet ma għamlet addirittura l-ebda kunsiderazzjoni. It-talbiet tal-esponenti fil-kawża odjerna kienu sabiex (i) tiddikjara li seħħ ksur tad-drittijiet fundamentali tal-appellant; (ii) tħassar u tirrexxindi s-sentenzi tal-Qorti tal-Appell tat-30 ta’ Novembru 2012 u tal-31 ta’ Mejju 2013 fil-kawża 55/09; u (iii) tagħti kull rimedju ieħor neċessarju biex tispurga l-vjolazzjoni. Issa fis-sentenza appellata jingħad hekk: “il-qorti sejra titratta l-punt jekk it-talbiet għat-tħassir tas-sentenza jew provvediment tar-rikuża u għat-tħassir tas-sentenza tar-ritrattazzjoni jistgħux isiru, tenut kont li l-kawża ġiet deżerta, billi f’każ ta’ eżitu negattiv ma jkunx il-każ li jiġu ttrattati l-eċċezzjonijiet l-oħrajn tal-intimati”. Huwa evidenti għalhekk li l-ewwel qorti kkunsidrat biss it-tieni talba tal-esponent, u *cioè* t-talba għat-tħassir tas-sentenzi msemmija, u bl-ebda mod ma kkunsidrat it-talbiet l-oħra. Sorprendentement però fid-*decide* tagħha l-ewwel qorti qabdet u ċaħdet it-talbiet kollha, meta fir-realtà kienet ikkunsidrat biss talba waħda. *Se mai* jekk l-ewwel qorti dehrilha li t-tieni talba ma setgħetx issir (ħaġa li hija ovvjament ikkontestata mill-appellant), għar-raġunijiet imfissra fis-sentenza appellata, allura kellha tippronunzja ruħha b’dak il-mod fir-rigward ta’ dik it-tieni talba biss. … … …«

21. Din il-qorti taqbel ma’ dan l-argument tal-attur. Ukoll jekk ir-rimedju mitlub fit-tieni talba tassew ma jistax jingħata – bla ħsara, għalissa, għall-kwistjoni jekk dan hux minnu – ma huwiex eskluż li jista’ jingħata rimedju ieħor kif mitlub fit-tielet talba, jekk jinstab il-ksur kif mitlub fl-ewwel talba. Għalhekk il-fatt li sabet li ma tistax tagħti r-rimedju mitlub fit-tieni talba ma kellux iżomm lill-ewwel qorti milli tqis it-talbiet l-oħra, ladarba dawn setgħu jagħtu utilità lill-attur.

22. Dan l-aggravju għalhekk għandu jintlaqa’.

23. Fit-tieni aggravju mbagħad l-attur ikompli hekk:

»… … … il-konklużjoni li waslet għaliha l-ewwel qorti kienet … waħda żbaljata u l-prinċipji li jirregolaw l-istitut tad-deżerzjoni tal-kawżi ma kellhomx iwasslu għal dik il-konklużjoni. L-ewwel qorti għamlet rifless-joni fis-sens illi d-deżerzjoni hija l-estinzjoni tal-istanza ġudizzjali u toqtol il-proċediment ġudizzjarju. Din ir-riflessjoni però ma tfisser bl-ebda mod li kawża bħal dik odjerna ma tistax tirnexxi. Jekk id-deżerzjoni tekwivali għall-perenzjoni tal-istanza ġudizzjali allura jfisser biss li mad-deżerzjoni dik l-istanza ġudizzjali ġiet fi tmiemha. Proċedi-ment ġudizzjarju jiġi fi tmiemu jew billi jkun hemm deċiżjoni, jew billi jkun hemm id-deżerzjoni, jew billi l-attur iċedi l-kawża. Għandu jkun paċifiku illi l-fatt li kawża tiġi fi tmiemha qatt ma kien ta' ostakolu biex qorti mogħnija b'setgħat kostituzzjonali tiddikjara li s-sentenza mogħtija f'dik il-kawża hekk mitmuma llediet xi dritt fundamentali ta' waħda rnill-partijiet. … … …«

24. Dan ukoll huwa minnu. Jekk seħħ ksur ta' drittijiet fundamentali – bla ħsara, f'dan l-istadju, għall-kwistjoni jekk seħħx jew le dak il-ksur – u l-mod kif jiġi rimedjat dak il-ksur hu billi jitħassar dikriet ta' kanċellament ta' kawża, qorti ta' kompetenza kostituzzjonali għandha s-setgħa tagħti dak ir-rimedju jekk rimedji oħra ma jkunux tajba u biżżejjed.

25. Tassew illi f'dan il-każ l-allegazzjoni hi li l-ksur seħħ bid-deċiżjoni fuq ir-rikuża u mhux bil-kanċellament, u għalhekk il-kanċellament ma għandux jitħassar ladarba ma hemm ebda allegazzjoni li kien bi ksur tad-drittijiet tal-attur; il-qorti iżda tqis illi jekk jinsab illi tassew is-sentenza tal-Qorti tal-Appell tat-30 ta' Novembru 2012 (dwar l-eċċezzjoni ta' rikuża) ingħatat bi ksur tad-drittijiet tal-attur, dik is-sentenza ma tkunx tiswa, u konsegwentement ma tiswiex ukoll is-sentenza tal-31 ta' Mejju 2013, u l-proċedura ta' ritrattazzjoni jkollha tibda mill-ġdid. Jekk imbagħad tintlaqa' t-talba għal ritrattazzjoni, l-appell jerġa' jinstema', u jinqata' favur l-attur, ikun hemm sentenza finali li tiddikjara n-nullità taż-żwieġ u ma jkunx il-każ illi l-Qorti tal-Appell tibgħat l-atti lura lill-ewwel qorti, u f'dak il-każ il-kanċellament tal-kawża quddiem l-ewwel qorti ma kienx iseħħ – appuntu għax l-atti

ma jkunux intbagħtu quddiem l-ewwel qorti – u għalhekk isir irrelevanti u ma jistax ikun ta' ħsara għall-attur.

26. Dan l-aggravju wkoll għalhekk għandu jintlaqa'.

27. Billi dan hu biżżejjed biex jintlaqa' l-appell ma jibqax meħtieġ li l-qorti tqis l-aggravji l-oħra.

28. Għalhekk tipprovdi billi tilqa' l-appell, tħassar is-sentenza appellata u tibgħat l-atti lura lill-ewwel qorti sabiex jitkompla s-smigħ.

29. L-ispejjeż ta' dan l-episodju jħallashom l-Avukat tal-Istat.

| | | |
|---|---|---|
| Mark Chetcuti<br>President | Giannino Caruana Demajo<br>Imħallef | Anthony Ellul<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
gr